

**Sentenza tal-Qorti Ĝeneralni tal-24 ta' Settembru 2015 – Dellmeier vs UASI – Dell (LEXDELL)**(Kawża T-641/14)<sup>(1)</sup>

(“*Trade mark Komunitarja — Proċedimenti ta’ oppożizzjoni — Applikazzjoni għal trade mark Komunitarja verbali LEXDELL — Trade mark Komunitarja figurattiva preċedenti DELL — Raġunijiet relattivi għal rifiut — Ksur tal-karattru distintiv jew tar-reputazzjoni tat-trade mark preċedenti — Artikolu 8(5) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009 — Probabbiltà ta’ konfużjoni — Xebħi tas-sinjal — Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament Nru 207/2009”*)

(2015/C 389/60)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

**Partijiet**

Rikorrenti: Alexandra Dellmeier (Munich, il-Ġermanja) (rappreżentanti: inizjalment J. Khöber, sussegwentement H. Eckermann, avukati)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (rappreżentanti: J. Crespo Carrillo, aġġent)

Partijiet oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-UASI, intervenjenti quddiem il-Qorti Ĝeneralni: Dell, Inc. (Round Rock, Texas, l-Istati Uniti) (rappreżentanti: A. Renck u E. Nicolás Gómez, avukati)

**Suġġett**

Rikors ippreżentat kontra deċiżjoni tat-Tieni Bord tal-Appell tal-UASI tal-4 ta’ ġunju 2014 (Kawża R 966/2013-2), dwar proċedimenti ta’ oppożizzjoni bejn Dell, Inc., u Alexandra Dellmeier.

**Dispożittiv**

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) Alexandra Dellmeier hija kkundannata għall-ispejjeż.

<sup>(1)</sup> ĠU C 380, 27.10.2014

**Sentenza tal-Qorti Ĝeneralni 25 ta' Settembru 2015 – Grundig Multimedia vs UASI**(Kawża T-707/14)<sup>(1)</sup>

[“*Trade mark Komunitarja — Applikazzjoni għal trade mark Komunitarja verbali DetergentOptimiser — Raġuni assoluta għal rifiut — Natura deskrrittiva — Artikolu 7(1)(c) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009 — Ugwaljanza fit-trattament”*]

(2015/C 389/61)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

**Partijiet**

Rikorrenti: Grundig Multimedia AG (Stansstad, l-Isvizzera) (rappreżentanti: S. Walter u M. Neuner, avukati)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (rappreżentant: I. Harrington, aġġent)